# Stqarrija

## Dinja Waħda tiċċelebra 30 sena ta' ispirazzjoni għat-tfal Maltin biex jipproteġu n-natura

BirdLife Malta ċċelebrat it-30 anniversarju ta' Dinja Waħda, il-programm edukattiv ambjentali ewlieni tagħha, b'ċerimonja speċjali li saret fir-Radisson Blu Resort & Spa, Malta Golden Sands, il-Hamis. L-avveniment onora aktar minn 50 skola primarja minn Malta u Għawdex għall-kontribuzzjonijiet tagħhom fil-konservazzjoni u l-edukazzjoni ambjentali.

Sa mill-bidu tiegħu fl-1994, Dinja Waħda kiber minn inizjattiva żgħira għal moviment nazzjonali, li jnissel valuri ambjentali fost it-tfal. Imexxi f'kollaborazzjoni mad-Direttorat għall-Edukazzjoni, il-programm sar tradizzjoni annwali f'ħafna skejjel primarji fil-gżejjer Maltin, grazzi għad-dedikazzjoni tal-għalliema, tal-imsieħba u dawk kollha li jappoġġjawh. Iċ-ċerimonja ċċelebrat l-isforzi kollettivi ta' dawk kollha li kienu parti minn dan il-vjaġġ ta' 30 sena.

F'messaġġ awdjoviżiv għal din l-okkażjoni, il-President tal-Parlament Ewropew Roberta Metsola qalet li ċ-ċokon tal-gżejjer Maltin jirrappreżenta sfida għaliex huma nieqsa mill-ispazji ambjentali u naturali kbar bħal ma għandhom pajjiżi oħra. Żiedet li hija responsabilità ta' kulħadd biex inħarsu u ntejjbu dak li għandna għall-ġenerazzjoni tallum u ta' għada.

"Ninsabu kuntenti li naraw daqshekk studenti magħna – l-ambaxxaturi veri tagħna għan-natura," qal il-President ta' BirdLife Malta Darryl Grima. "L-impenn tagħkom ifakkarna fl-impatt qawwi li nistgħu nagħmlu fil-konservazzjoni."

BirdLife Malta rringrazzjat lill-imsieħba ewlenin li għamlu dan l-avveniment possibbli, inkluż il-Bank of Valletta għall-appoġġ finanzjarju kontinwu tal-programm Dinja Waħda; Merlin Publishers u Outlook Coop għall-għotja ta' kotba bħala rigali; Erasmus+ u l-EUPA għall-appoġġ

tagħhom fil-proġetti “A Superpower to Defend Nature” u “Blooming Schools”; kif ukoll lill-voluntiera tal-European Solidarity Corps li urew lill-istudenti x-xogħol li jagħmlu fid-dipartimenti differenti ta’ BirdLife Malta.

Iċ-ċerimonja għalqet b’ċelebrazzjoni speċjali tat-30 anniversarju ta’ Dinja Waħda b’kejk tal-okkażjoni. Għal ħafna iktar snin ta’ Dinja Waħda, biex ikompli jagħmel mill-ġenerazzjonijiet futuri, aktar kustodji tal-ambjent f’Malta u f’Għawdex.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Cell: 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

Biex issir membru ta’ BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Ritratti:**
1. Dinja Waħda 1
2. Dinja Waħda 2
3. Dinja Waħda 3
4. Dinja Waħda 4
5. Dinja Waħda 5
6. Dinja Waħda 6

**Filmati:**
1. https://we.tl/t-tprK9ikBev